## Qorti tal- Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 24/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Donald Gilford**

Seduta tal-26 ta' Lulju, 2021

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Donald Gilford detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 152187(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta' Ġunju 2017 fil-Gżejjer Maltin naqas li jagħti lil Adelina Mercieca s-somma ffissata mill-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u / jew għal martu fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma (Kap 9 artikolu 338(z)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet premessi li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u kkundannatu għal ġimagħtejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Donald Gilford pprezentat fil-25 ta' Jannar 2018 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih talab lil-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u <u>subordinatament</u> **tirriforma** s-sentenza f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena u tinfliġġi minflok piena aktar idonea u li tirrespekkja l-każ in eżami;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

1. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa ta' natura procedurali u fih jelenka numru ta' nuqqasijiet li skond hu kellhom iwasslu ghal-liberatorja tieghu. L-ewwel fost dawn huwa li l-azzjoni hija preskritta bi trapass ta' sitt xhur ghaliex qatt ma kien notifikat skond il-ligi. L-appellant iressaq l-argument illi n-notifika mhix wahda valida ghaliex ma ngiebitx il-prova tat-tentattiv ta' notifika anke jekk segwita b'avviz f'gazzetta lokali;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti ma tistax ma tkunx kritika tal-operat tal-ewwel Qorti bil-mod kif zammet ossia rregistrat s-sekwenza tal-iter procedurali quddiemha kif kienet obligata li taghmel. Qed issir referenza ghall-fol 14 tal-atti processwali fejn apparentement ddeponew ix-xhieda u possibilment prezentaw xi dokumenti izda minn dan kollu ma hemm registrat xejn ghajr is-segwenti:

*Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Edward Zammit / Issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu / Inghatat is-Sentenza.*

Apparti li s-sekwenza hija ghall-ahhar skorretta, ma hemmx indikat dak li verament gara waqt is-seduta; jekk u min xehed u jekk min xehed pprezentax xi dokumenti. Apparti li dan hu ingust fuq min irid jezamina dak li gara waqt l-udjenza aktar u aktar meta l-piena erogata kienet wahda ta' detenzjoni, din il-Qorti mhix f'qaghda tikkontrolla dak li sehh quddiem l-ewwel Qorti sabiex ikunu aderiti r-regoli procedurali bhal li parti ma tistax tressaq xhieda li ma ddeponewx fl-ewwel istanza jew bhal dak li jallega l-imputat li ssolleva eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'dik l-istanza meta allura kien mehtieg decizjoni fuqha li evidentement ma hemmx fis-sentenza appellata jew f'sentenza preliminari qabilha. Dan ma huwiex il-mod kif ghandhom ikunu registrati l-udjenzi quddiem il-qrati u ghalhekk tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati;

3. Ventilat dan, isegwu l-konsiderazzjoni billi tkun indirizzata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellant li biha jecepixxi t-trapass ta' sitt xhur stante li ma kienx notifikat skond il-ligi. L-imputat jallega illi kien ingieb quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' mandat ta' arrest minnha ordnat wara li naqas milli jidher ghall-udjenza precedenti. Minkejja dan jghid li qatt ma kien notifikat u ghalhekk ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti ghaddiet biex tordna l-hrug ta' mandat fil-konfront tieghu. Kien hemm li sema' ghall-ewwel darba bl-imptuazzjoni odjerna;

4. L-appellant ma qal xejn dwar dan fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Ghalhekk l-unika haga li tista' ssir hu li ssir referenza ghad-dokumenti in atti. Issa, ezaminati l-atti processwali, jemergi illi n-notifika tal-appellant allura imputat saret skond dak li jiddisponi r-Regolament 8 tal-Avviz Legali 335 tal-2015 li jipprovdi illi f'kaz li n-notifika ma setghetx issehh skond ir-Regolament, ghandu jsir it-tieni tentattiv u f'kaz li anke ikun negattiv l-avviz ghandu jithalla fir-residenza l-ahhar mgharufa jew jitwahhal mal-bieb ta' dik l-istess residenza. In segwitu ghal dan, ghandha ssir publikazzjoni f'gurnal lokali;

5. Ir-riferta relattiva tinsab esebita a fol 4 fejn (a tergo) hemm indikat li kien sar l-ewwel tentattiv sabiex l-imputat ikun notifikat izda ma kien wiegeb hadd. Dan sehh fl-24 ta' Lulju, 2017. L-ghada rega' sar tentattiv iehor bl-istess ezitu negattiv u ghalhekk l-avviz thalla fl-indirizz mgharuf tal-imputat. Ghalhekk ma jirrizultax dak allegat mill-imputat u

ghalhekk ukoll hemm dawn iz-zewg tentattivi rikjesti mir-Regolament imsemmi;

6. Sussegwenti ghal dan, kien hemm ukoll publikazzjoni f'gazzetta lokali kif rikjest mir-Regolament 8 fuq citat. Kopja tal-fol relattiv mill-gazzetta 'The Malta Independent' tal-11 t'Ottubru 2017 tinsab esebita in atti u fiha l-isem Donald Gilford jidher darbtejn. F'dan il-każ huwa it-tieni notament ossia avviz li hu relatat mal-kaz in diżamina u dan jaqra hekk: "Mag. Dr Vella Family Sitting 16/10/2017 09.00". Dan jgħodd għall-kawżi kollha li kellhom jinstemgħu f'din id-data. Imbagħad speċifikament: "GILFORD DONALD 152187 M. Għax-xahar ta' Ġunju 2017 inqast f'Kap 9 Artikolu 338(z)."

7. Minkejja dan, l-imputat jilmenta illi l-publikazzjoni appena konsiderata ma tissodisfax il-vot tal-ligi u dan ghaliex "*ma hemmx indikat il-Qorti li quddiemha kellu jidher l-appellant; ma hemmx imnizzel l-akkuza li bih l-appellant gie akkuzat; ma sarx ic-certifikat tan-Notifika.*";

8. Illi dak kollu lamentat mill-appellant jirraviza l-fierah ghaliex il-publikazzjoni citata *supra* tilqa' ghal dan kollu sahansitra b'indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li jipotizza l-fatt imputat u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra aktar milli tqis il-publikazzjoni bhala wahda valida u konsegwentement in-notifika valida fit-totalita' taghha;

9. Deciz dan mill-ottika procedurali jokkorri issa li jkun ezaminat l-aspett temporali li fih sehh il-process in dizamina. Mill-affidavit ta' PC 299 D. Cilia jirrizulta li l-parte civili kienet ghamlet ir-rapport taghha li ma kienitx irċeviet il-

manteniment mill-ex-partner taghha, l-imputat odjern, dovut għax-xahar ta' Ġunju 2017 u dan kien fil-21 ta' Ġunju 2017. It-tieni tentattiv ghan-notifika sehh fil-25 ta' Lulju 2017 u l-publikazzjoni fil-gurnal saret fil-11 t' Ottubru ghas-seduta tas-16 t'Ottubru f'liema udjenza kien ordnat il-hrug ta' mandat t'arrest li kif inghad interrompa t-trapass ta' zmien preskrittiv. Illi ghalhekk is-sitt xhur mill-allegat fatt ma kienux ghaddew u konsegwentement l-ewwel aggravju qed ikun michud.

10. It-tieni gravam tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti u fi kliem sottolineat jghid li din ma kienitx wahda idonea. Dwar dan iressaq erba' argumenti ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti li huma: li kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment ghaliex kien minghajr impjieg; ghalhekk sab ruhu f-cirkostanzi 'l hinn mill-kontroll tieghu; illum huwa impjegat u bl-esekuzzjoni tas-sentenza jerga' jitlef ix-xoghol tieghu. Ir-raba' ragunament mhu xejn hlief talba ghal-riforma fil-piena;

11, Illi ghalhekk essenzjalment r-raguni vantata mill-appellant ghaliex din il-Qorti ghandha tirriforma l-piena hi li f'dak iz-zmien kien fl-impossibilita' li jhallas kawza ta' nuqqas ta' impjieg. Tajjeb li jkun osservat in rigward illi fit-28 ta' Jannar 2019 il-partijiet talbu lill-din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex fis-seduta li kellha ssegwi jinformaw lill-Qorti bl-eżitu ta' ftehim li sar bejniethom. Minn dakinhar ma inghatat ebda informazzjoni u ghalhekk il-Qorti tifhem illi ma sar ebda hlas tal-manteniment dovut sabiex tkun esplorata triq li tista' tirriforma l-piena erogata. Dak li

ma tistax tifhem il-Qorti hu li f'dan l-aggravju l-appellant jiddikjara illi sab xoghol u dan meta l-appell naturalment isir fi zmien tnax-il jum mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Il-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018 u ddikjarat illi sa dakinhar l-appellant kien ghadu ma hallasx il-manteniment dovut ghax-xahar ta' Gunju 2017. L-ammont li ghandu jhallas ghal din il-kawza hu ta' €350 u ghalhekk dan ghadu dovut sal lum minkejja li l-imputat jghid li ghandu impjieg;

11. Illi fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, l-appellant ma lissen l-ebda kelma dwar l-allegata impossibilita' li jhallas il-manteniment minkejja li kellu kull opportunita' biex jaghmel dan hlief meta qal: "*Jien kont waqaft mix-xoghol u sibt xoghol issa, u milli kelli qed noffrilha hux. Qed intiha taghha*". Issa, kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Karl Bonello (212/2005 JGD 21.11.2005) meta ccitat is-sentenza taghha Il-Pulizija vs Kang Se Il (tat-28 ta' Lulju, 1994) "*l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza*". Dan hu ferm applikabbli ghal-kwistjoni odjerna, ghaliex l-appellant ma spjegax ghaliex jallega li kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment u ma jistghax *sic et simplicitur* jitfa' din l-eccezzjoni biex tolqot fejn tolqot minghajr ma jispjega x'ghamel biex jezimi ruhu mill-obbligu mpost fuqu mill-Qorti konsistenti fil-hlas mensili tal-manteniment;

12. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tinoltra aktar minn hekk, u konsegwentement l-argument tal-impossibilita' qed

ikun michud. Oltre minn hekk, il-piena hija fil-parametri iffissati mill-ligi u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena mertu ta' dan il-gravam;

13. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud;